# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**vs.**
**Luke Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Luke Farrugia, ta' 17-il sena imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Novembru, 1987, bin David u Maria Regina nee' Mazzelli u residenti 'Saturn Flats', Flat 6, Triq il-Flotta, Gzira, detentur ta' karta ta' l-identita' Nru. 530087(M).

Akkuzati talli:

1. Talli nhar il-5 ta' Marzu, 2005 ghall-habta ta' 4.30 a.m. gewwa Birkirkara u f'dawn il-gzejjer bil-hsieb biss li jghamel uzu temporanju minnha, saq vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru tar-registrazzjoni ANT 175 kemm jekk immexxija b'forza mekkanika kemm b'mezz iehor ikun li jkun, minghajr ma kellu l-kunsens tas-sid taghha u cioe' Joseph Farrugia jew awtorita' legittima ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli f'Birkirkara fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq vettura tal-ghamla BMW b'numru tar-registrazzjoni ANT 175 ghad-dannu ta' Joseph Farrugia, fuq vettura tal-ghamla Ford Fiesta b'numru tar-registrazzjoni FBO 646 ghad-dannu ta' Marisa Vella u fuq vettura tal-ghamla Peugeot 106 b'numru tar-registrazzjoni UHU 001 ghad-dannu ta' Paul Micallef, liema hsara teccedi l-hames mitt Lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru tar-registrazzjoni ANT 175, b'manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, hin u cirkostanzi saq vettura b'numru tar-registrazzjoni ANT 175 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita' dwar it-trasport ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija, l-imsemmi persuna jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn 11-il xahar.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fid-19 t'Ottubru, 2005, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat kien habib ta' certu Malcolm Farrugia, u t-tnejn li huma ma kellhomx licenzja tas-sewqan.
2. Fil-gurnata in kwisjtoni, l-imputat mar id-dar ta' Farrugia u talbu li jaghtih ic-cwievet tal-karozza ta' missieru BMW bin-numru ta' registrazzjoni ANT – 175, biex imorru dawra, ghax Farrugia kien jaf isuq. Missier Malcolm Farrugia, Joseph Farrugia kien ghax-xoghol dak il-hin, u Malcolm halla lill-imputat jiehu c-cwievet, saq il-vettura u marru f'bar fl-Imriehel, u l-imputat ipparkja l-vettura ftit il-boghod mill-bar.
3. Ghal xi raguni li mhix cara mill-provi, mhix relevanti ghal fini tar-rizoluzzjoni tal-kawza oderna, l-imputat hareg mill-bar u ha c-cwievet tal-vettura mieghu. Hu jghid li ried igib il-vettura iktar vicin il-bar. Kienet x'kienet ir-raguni, hu rega' saq il-karozza BMW u x'hin kien ghaddej minn Triq Bontadini habat go vettura ghamla Fiesta, numru tar-registrazzjoni FBO 646 u bl-impatt din imbuttaha fuq vettura ohra Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni UHU 001. L-imputat kompla jsuq u gie mwaqqaf minn pulizija tal-iskwadra mobbli taht l-Akwadott, fi Triq Notabile Imriehel.
4. It-tlett vetturi soffrew hsarat estensivi.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni – Sewqan ta' Vettura minghajr il-Kunsens tas-Sid*

Din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata kemm mill-istqarrija tal-imputat stess, kemm mix-xhieda ta' Malcolm Farrugia u kemm mix-xhieda ta' Joseph Farrugia, sid il-vettura. Mhux kontestat li meta l-imputat ha c-cwievet tal-vettura BMW ta' Joseph Farrugia, Joseph Farrugia ma kienx id-dar u qatt ma tah il-kunsens jiehu c-cwievet. Ghalkemm Malcom, iben Joseph Farrugia halla lill-imputat jiehu c-cwievet, ma giex allegat u wisq inqas pruvat, li Malcom kien inghata xi mandat minghand missieru biex jaghti c-cwievet tal-vettura lill-imputat biex isuqha.

*It-Tieni Imputazzjoni – Hsara Volontarja*

Ghalkemm it-tlett vetturi involuti garrbu hsarat konsiderevoli, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ma riedx volontarjament jikkagunalhom hsara, imma l-hsara giet ikkagunata involontarjament minhabba is-sewqan negligenti u perikoluz tieghu. Ghalhekk, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni kif dedotta, imma issibu hati tar-reat kompriz u involut li ikkaguna hsara involontarja lit-tlett vetturi.

Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li Joseph Farrugia, sid il-BMW sofra danni ta' Lm819.31.[1] Pero huwa ma ezebiex l-ircevuti li hallas lil min sewwielu l-vettura u min sprejjahielu, u ghalhekk, il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn l-ispejjez.

Il-Ford Fiesta soffriet danni ta' Lm2243.33 li thallsu minn Gasan Mamo Insurance Ltd,[2] u sidha Marisa Vella hallset l-excess tal-insurance fl-ammont ta' Lm75 u hallset LM150 kiri ta' karozza[3] - total ta' LM225.

Il-Peugeot soffriet danni fl-ammont ta' Lm88.50.[4]

*It-Tielet Imputazzjoni – Sewqan Perikoluz u Traskurat*

Mill-pjanta ezebita a fol. 25 tal-process, jirrizulta li l-BMW li kien qieghed isuq l-imputat halliet tyre marks ghal distanza konsiderevoli, u l-fatt li l-imputat mhux biss dahal go vettura Fiesta, li a sua volta bl-impatt giet imbuttata gol vettura ta' quddiemha Peugeot, jindika li l-imputat kien qed isuq b'velocita eccessiva.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Magri**, deciza fid-19 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

[1] Ara fol. 15 u 16 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Paul Sciberras a fol. 37 *et seq.* tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Marisa Vella a fol. 52 *et seq.* tal-process.
[4] Ara Dok VA3 a fol. 17 tal-process.
[5] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono

*"Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Chircop" (11.4.2002) li :- "Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Il-Pulizija vs Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjoni jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. vs. Wilson, Vol XXXIX, p 1018 u Pul. Vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pu. Vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p. 1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri, Vol. XLIV p. 892)."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament u fid-dawl tac-cirkostanzi tal-habta anke kif jirrizultaw mill-pjanta ezebita, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' sewqan mhux biss traskurat izda wkoll perikoluz.

*Ir-Raba' Imputazzjoni – Sewqan minghar licenzja tas-sewqan*

Din l-imputazzjoni giet ammessa mill-imputat stess fl-istqarrija tieghu, u fi kwalunkwe kaz, l-eta' tieghu dak iz-zmien – sbatax (17)-il sena – kienet taghmlu ineligibbli li jottjeni licenzja tas-sewqan.

*Il-Hames Imputazzjoni – Sewqan minghajr kopertura ta' polza tal-assigurazzjoni*

Fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, cioe dik tal-25 ta' Jannar 2006, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ghal din l-imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.[6]

[6] Ara fol. 5 tal-process.

Skond l-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-istess Kapitolu – cioe sewqan ta' vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni – jigi preskritt fi zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat.

Issa l-allegat reat sar fil-5 ta' Marzu 2005 u l-ewwel seduta li fiha deher l-imputat inzammet fil-25 ta' Jannar 2006 – cioe iktar minn sitt (6) xhur wara d-data tal-allegat reat. Huwa vera li skond l-Artikolu 693(1) tal-Kodici Kriminali iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-procediment li ghalih ikun imputat jew akkuzat. Pero, nonostante li l-Prosekuzzjoni kienet taf mill-ewwel seduta li d-difiza qieghda teccepixxi l-preskrizzjoni ghal din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma pprezentatx r-riferta tan-notifika tal-imputat ghall-ewwel seduta.

Konsegwentement, din il-Qorti m'ghandhiex xelta hlief li tiddikjara din l-imputazzjoni perenta.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li meta gew kommessi r-reati li taghhom l-imputat instab hati, l-imputat kellu fedina penali netta. Pero mill-fedina penali aggiornata jirrizulta, li pendenti dawn il-proceduri l-imputat gie kundannat tminn (8) darbiet minn dawn il-Qrati: diversi reati ta' hsara volontarja, attentat ta' serq, zewg kundanni ta' serq aggravat, pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija u pussess semplici tad-droga kokajina.

Dawn il-Qrati taw diversi opportunitajiet lill-imputat biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita'. Fil-fatt huwa tpogga taht ordni ta' probation u nghata zewg sentenzi sospizi. Pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet li tawh il-Qrati, tant li spicca inghata sentenza ta' sentejn prigunerija effettiva.

Pero, in vista tal-fatt li l-imputat kien minorenni meta kkommetta dawn ir-reati li taghhom instab hati f'din is-senteza, il-Qorti se tnaqqas il-piena bi grad ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kontro-ezami ta' Malcolm Farrugia,[7] l-abbli difensur tal-imputat issuggerielu li wara l-incident, l-imputat kien hallsu Lm1150 biex ihallsu tad-danni kagunati bil-habta tal-karozza, izda Malcolm Farrugia qal li dan ma kienx veru.

Ghalkemm ix-xhud Stacey Chircop xehdet li l-imputat kien ta lil Malcolm Farrugia ammont ta' xi Lm1000 fil-prezenza taghha,[8] din il-Qorti ma ssibx ix-xhieda ta' Stacey Chircop wahda kredibbli, ghaliex fl-ewwel lok hi ma kellha x'taqsam xejn mal-incident u lanqas spjegat b'mod car x'relazzjoni kellha mal-imputat u Malcolm Farrugia, u ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-imputat kellu jaghti l-flus lil Farrugia quddiemha. Fit-tieni lok, kieku l-imputat ta xi flus lil Farrugia, din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li tenut kont tac-cirkostanzi kienet issir xi forma ta' skrittura jew ghall-inqas l-imputat kien jinsisti li jigi moghti ricevuta, u Chircop xehdet, li sa fejn tiftakar hi ma sar xejn bil-kitba. Fit-tielet lok ghalkemm fix-xhieda taghha Chircop ftakret hafna dettalji, meta giet mistoqsija mill-Prosekuzzjoni meta sar dan il-hlas, l-ewwel wiegbet li ma tiftakarx ghax ilu hafna, imbaghad qalet li dan il-hlas sar xi xahar wara l-incident, minghajr ma tat ebda dettalji dwar fejn sar u min kien iktar prezenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

1. tiddikjara illi l-hames imputazzjoni fic-citazzjoni u cioe ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hija perenta;
2. wara li rat l-Artikoli 61(1) u 15(1)(a), 15(2), u 15(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;
3. tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, pero wara li rat l-Artikolu 328(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati fir-reat kompriz u involut li kkaguna hsara involontarja, ai termini tal-artikolu citat;
4. tikkundanna l-hati ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ukoll

[7] Ara kontro-ezami ta' Malcom Farrugia a fol. 91 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Stacey Chircop a fol 96 *et seq.* tal-process.

ghal hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin (30) Euro (€30.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 2016, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

4. Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, id-danni kagunati lill-partijiet offizi u cioe:
    (i) is-somma ta' elf disa' mija u tminn Euro u tmienja u erbghin centezmu (€1908.48) – ekwivalenti ghal tminn mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm819.31) - lil Joseph Farrugia;
    (ii) is-somma ta' hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€5225.55) – ekwivalenti ghal elfejn mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltija (Lm2243.33) - lil Gasan Mamo Insurance Ltd;
    (iii) is-somma ta' hames mija u erba' u ghoxrin Euro u hdax-il centezmu (€524.11) – ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm225.00) lil Marisa Vella, u
    (iv) is-somma ta' mitejn u sitt Euro u hmistax-il centezmu (€206.15) – ekwivalenti ghal tminja u tmenin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm88.50) lil Paul Micallef.

Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-partijiet offizi l-ammonti fuq preskritti fiz-zmien stipulat hawn fuq.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mil-lum.

**Magistrat** **Deputat Registratur**